MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 763/2006

**Talba Nru: 763/06VGD**

World Wide Import/Export Company Limited (C6622).

Vs

N. Calleja Trading Enterprises Limited (C 16998).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand is-socjeta' konvenuta tas-somma ta' hames mija, hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm525) rapprezentanti prezz ta' merci mibjugha u konsenjati lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici, liema merci gew accettati mis-socjeta' konvenuta, u minkejja dan, is-socjeta' konvenuta naqset milli thallas l-imsemmija somma nonostante li giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont anki permezz ta' ittra bonarja u anki ufficjali, bl-ispejjes u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta mid-data

tal-fattura relattiva, u s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi hija qed tirrespingi l-pretensjonijiet tal-kumpanija attrici ghas-segwenti ragunijiet:- i. Illi mill-fattura ezebita jidher li l-hlas pretiz jirreferi ghal xi konsenja ta' hmira. Mir-records tal-konvenuta jirrizultalha li l-uniku bejgh u konsenja ta' hmira li sar mill-attrici lill-konvenuta huwa dak li ghalih tirreferi l-fattura tat-18 ta' Ottubru 2005, annessa bhala dok. NCT1; ii. Illi l-ammont ta' Lm7015 dovut skond il-fattura annessa bhala dok. NCT1 thallas fl-intier tieghu permezz ta' cekk li kopja tieghu hija annessa bhala NCT2; iii. Illi l-kumpanija konvenuta m'accettat ebda konsenja ta' hmira minghand il-konvenuta ghajr kif indikat fil-fattura NCT1; iv. Illi ghaldaqstant ma fadal l-ebda ammont dovut lill-attrici mill-kumpanija konvenuta. Bl-ispejjes.

Sema' x-xhieda ta' Charles Pace prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Nigel Calleja prodott mis-socjeta' konvenuta.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi in sostenn tat-talba taghha, s-socjeta' attrici pproduciet bhala l-uniku xhud taghha lil Charles Pace, li huwa direttur tal-istess socjeta'. Huwa xehed illi s-socjeta' attrici kienet ghamlet konsenja ta' 'bread improver' lis-socjeta' attrici, u li fil-fatt kienu saru zewg konsenji separati lis-socjeta' konvenuta tal-istess prodott f'zewg okkazjonijiet separati. Xehed ukoll illi s-socjeta' konvenuta qed tirrifjuta li thallas ghal konsenja wahda biss ghaliex il-konsenja l-ohra thallset u ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwarha.

L-istess xhud ikkonferma illi x-xoghol in kwistjoni gie konsenjat fl-indirizz 56, Ambrog Road, Zebbug u li dan kien gie konsenjat mid-deliveryman tas-socjeta' attrici. Peress illi meta saret il-konsenja l-invoice ma thallsitx, din kienet giet iffirmata.  Skond hu, qed issir din il-kontestazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta ghaliex din ta' l-ahhar kienet tilfet l-agenzija tad-ditta li tissupplixxi dan il-prodott, liema agenzija mbaghad giet f'idejn is-socjeta' attrici.

Meta xehed in kontro ezami, x-xhud ikkonferma illi saret id-delivery peress illi hemm firma fuq l-invoice, liema firma hija tal-persuna li rceviet ix-xoghol u mhux tad-deliveryman tas-socjeta' attrici.  Huwa ma kienx f'pozizzjoni jghid ta' min kienet il-firma.  Huwa xehed illi jaf li saret din il-konsenja ghaliex id-deliveryman tas-socjeta' attrici kien jaf fejn kellu jigi konsenjat ix-xoghol u peress illi hemm firma ta' min accetta x-xoghol.  Meta mistoqsi kif id-'delivery' saret gewwa l-indirizz ta' l-ufficcju u mhux fil-warehouse tas-socjeta' konvenuta, x-xhud qal li dan kien l-istess indirizz fejn saret id-'delivery' li giet accettata u mhallsa mis-socjeta' konvenuta.

Illi minn-naha l-ohra, x-xhud Nigel Calleja, direttur tas-socjeta' konvenuta xehed illi hu u l-mara tieghu huma l-unici impjegati tas-socjeta' konvenuta.  Huwa xehed li qatt ma ra l-'invoice' li a bazi taghha qed issir din il-kawza, u kkonferma ukoll li l-firma fuq l-'invoice' in kwistjoni m'hijiex tieghu, u li m'ghandu l-ebda ideja ta' min hi.  Huwa xehed li l-indirizz li jidher fuq l-invoice huwa l-indirizz tal-ufficcju tas-socjeta' konvenuta, filwaqt li l-warehouse tal-istess socjeta' konvenuta tinsab band'ohra.

Ix-xhud Calleja ikkonferma li f'okkazjoni wahda kien xtara l-prodott in kwistjoni minghand is-socjeta' attrici u li kien hallas ghal din il-konsenja permezz ta' cekk.  Hu xehed illi l-prodott in kwistjoni jinxtara minn hafna kumpaniji ohrajn sabiex jissupplixxu l-prodott lill-furnara.

Mistoqsi jekk is-socjeta' konvenuta kienitx qed tirrifjuta li thallas l-ammont mitlub peress illi kienet tilfet l-agenzija tad-ditta u li din kienet ittiehdet mis-socjeta' attrici, x-xhud

cahad dan, u qal illi s-socjeta’ konvenuta kienet qed tirrifjuta li thallas l-ammont mitlub ghas-semplici raguni li dik il-konsenja ma kenitx saret.

Illi t-Tribunal jikkunsidra fl-ewwel lok li ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatt illi zgur saret konsenja wahda mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta, liema konsenja thallset minghajr ebda problemi u minghajr kontestazzjonijiet.

Johrog car kemm mill-provi dokumentarji kif ukoll mix-xhieda ta’ Charles Pace, li l-konsenja li fuqha hemm il-kontestazzjoni odjerna, saret qabel ma giet konsenjata dik il-konsenja li fil-fatt thallset.

It-Tribunal ghalhekk jidhirlu li t-tezi tas-socjeta’ attrici (li fuqha x-xhud Pace ghamel enfasi mhux hazin), u cioe dik illi s-socjeta’ konvenuta ma hallsitx din il-konsenja ghaliex kienet tilfet l-agenzija tad-ditta li tissupplixxi l-prodott, ma taghmel l-ebda sens, ghaliex wara kollox, is-socjeta’ konvenuta hallset il-konsenja li saritilha minghajr ebda problemi. Din it-teorija se mai, forsi kienet taghmel sens li kieku ma thallas xejn mis-socjeta’ konvenuta.

Illi mbaghad, kif diga intqal, is-socjeta’ attrici ghal xi raguni pproduciet bhala xhud taghha lil Charles Pace biss, u naqset milli tipproduci d-‘delivery man’ li ghalih tant saru referenzi fix-xhieda ta’ Charles Pace. It-Tribunal jidhirlu li tali xhud (u cioe l-persuna li ghamel l-allegat ‘delivery’) seta’ forsi jikkonferma diversi fatti, bhal per ezempju, ezattament fejn saret il-konsenja, min kien hemm prezenti meta saret il-konsenja, min accetta l-konsenja, min iffirma l-invoice, u jekk din il-konsenja kenitx giet accettata. Izda minnflok, is-socjeta’ attrici ghazlet li tistrieh biss fuq ix-xhieda ta’ Charles Pace, liema xhieda hija bazata fuq sensiela ta’ kongetturi u nieqsa minn fatti. Ta’ min isemmi per ezempju, illi Charles Pace ma kienx f’pozizzjoni li jghid ta’ min kienet il-firma fuq l-invoice, u fejn ezattament saret id-‘delivery’. Jekk wiehed jara x-xhieda moghtija minnu, jinduna li Pace sempliciment jasal ghall-konkluzzjoni li bilfors kellha ssir il-konsenja in kwistjoni ghaliex hemm

firma ta’ xi hadd fuq l-invoice u ghaliex hemm ukoll indirizz fuq l-istess invoice.

Illi t-Tribunal jidhirlu li minn-naha wahda ma saritx prova konklussiva tal-konsenja da parti tas-socjeta’ attrici, u minn-naha l-ohra hemm ic-cahda kategorika tal-konvenuti li l-konsenja saret., u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jikkonkludi li s-socjeta’ attrici fil-fatt ghamlet il-konsenja in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta u konsegwentement jichad it-talba tas-socjeta’ attrici, bl-ispejjes kollha kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------